# Il-Ħadd 18.08.2019

1. Naturalment din il-ġimgħa għandna diversi ċelebrazzjonijiet marbuta mal-festa tal-parroċċa tagħna f'ġieħ San Pawl. Araw il-programm dettaljat fuq il-Fuljett speċjali li tqassam lilkom matul il-ġimgħa li għaddiet, li qiegħed ukoll fuq:-
   - il-website - https://parroccasafi.wordpress.com/pubblikazzjonijiet/il-fuljett-tal-festa/
   - il-facebook - https://business.facebook.com/parroccaHalsafi/.

   Niftakru li l-ewwel u qabel kollox il-festa hi nisranija u għalhekk ma nittraskurawx il-funzjonijiet tal-knisja, speċjalment il-qrar u l-quddies, u nitlob biex fl-imġieba tagħna, kull fejn inkunu, nuru rispett xieraq lejn Alla u lil xulxin. B'imġieba qed nifhem kliem, ġesti, u ilbies, kemm fil-knisja u kemm fit-toroq tar-raħal tagħna.

2. Avviżi oħra:
   - Inħeġġiġkom biex matul il-jiem tal-festa, mhux biss nagħtu bukketti ta' fjuri friski, imma nagħmlu wkoll il-***bukkett li ma jinxifx***, jiġifieri li tagħtu offerta li tibqa' titgawda wkoll: din is-sena, dan il-bukkett li ma jinxifx ser imur b'risq il-bankun tal-Furċini ġdid tal-Istatwa ta' San Pawl bħala rigal tal-175 sena mill-miġja tal-istatwa fostna, ir-rifletturi l-ġodda li jdawwlu l-intern tal-knisja, it-tkomplija tar-restawr tal-gandlieri ta' kuljum, u t-tiswija tal-lanterna tal-knisja, minn ġewwa u minn barra. Inħalli f'idejn il-ġenerożità tagħkom biex dawn l-inizjattivi nwettquhom. Fuq noticeboard apposta diġà hemm l-ewwel offerti.

3. Il-Ħamis 05/09:
   - Ser ikollna Ħarġa għal Għawdex. Biljetti u dettalji m'għand il-helpers aktar 'il quddiem.

4. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 305 bħala ġabra b'risq il-Festa ta' San Pawl;
   - € 1,010 bħala donazzjonijiet mill-envelopes bl-istess għan;
   - € 10 bħala donazzjoni b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr.

   Grazzi mill-qalb.

# PROGRAMM TAL-FESTA F'ĠIEĦ SAN PAWL 2019

1. **<u>It-Tnejn 19/08 - JUM IL-ĦRUĠ TAL-VARA - JUM IS-SEJĦA NISRANIJA</u>**

Fis-6:30pm Quddiesa mmexxija minn Kan. Joe Cilia, Kappillan ta' Ħal Lija u ex-kappillan ta' din il-parroċċa (2006 - 2011) bis-sehem tas-Sorijiet Dumnikani, Sorijiet u Reliġjużi mill-parroċċa, u l-Abbatini, u li fiha ssir il-Preżentazzjoni tat-trabi lill-Appostlu missierna San Pawl.
Fi tmiem il-quddiesa ser jiġi ppreżentat u inawgurat il-Bankun il-ġdid tal-Furċini tal-Istatwa ta' San Pawl bħala rigal mogħti mill-Ħalsafin sabiex ifakkar il-175 sena mill-miġja tal-istatwa fostna.

Fis-7:30pm Ħruġ fuq iz-zuntier tal-istatwa ta' San Pawl u tislima bl-Innu Popolari.

2. **<u>It-Tlieta 20/08 - JUM IT-TFAL U Ż-ŻGĦAŻAGĦ</u>**

Fis-6:30pm Quddiesa mill-Kappillan Kan. David Farrugia bis-sehem tat-tfal u u ż-żgħażagħ li jħobbu l-Festa. *Min ġej iġib xemgħa miegħu.*

Fis-7:30pm Diversi tfal u żgħażagħ jimxu wara xbieha ta' San Pawl mill-Knisja Parrokkjali sal-Knisja ta' Santa Marija waqt il-kant tal-innijiet ta' San Pawl.

Fit-8:00pm Logħob għat-tfal kollha tal-parroċċa f'Misraħ Santa Marija organizzat mill-Kummissjoni Żgħażagħ.

Fit-8:30pm Fiera u BBQ fil-pjazza b'risq il-Festa.

3. **<u>L-Erbgħa 21/08 - L-EWWEL JUM TAT-TRIDU - JUM IR-RABTA PAWLINA</u>**

Fid-9:15am Quddiesa għall-membri tas-Safi Day Centre mill-Kappillan Kan. David Farrugia, fis-Sala Pietru Pawl Busuttil tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi.

Fis-6:30pm Quddiesa kantata bis-sehem ta' dawk li joqgħodu f'toroq imsemmija jew b'rabta ma' San Pawl, dawk li ġew joqgħodu Ħal Safi, ĦalSafin li joqgħodu f'irħula oħra, u dawk li joqgħodu barra minna Malta. Imexxi u jagħmel l-omeliji tal-jiem tat-Tridu, ir-Rev. Kan. Michael Zammit, Kanonku Onorarju tal-Kolleġġjata ta' San Pawl tar-Rabat, u Kappillan tal-Parroċċa ta' Sant' Andrija, Ħal Luqa. Wara l-quddiesa jkun hemm il-Kurunella, l-Antifona u l-Barka Sagramentali. Iċ-ċelebrazzjoni tagħlaq bl-Innu ta' San Pawl.

4. **<u>Il-Ħamis 22/08 - IT-TIENI JUM TAT-TRIDU - JUM L-GĦIXIEN FAMILJA</u>**

Fil-5:00pm Qrar: Preżenti wkoll Konfessur barrani.

Fis-6:30pm Quddiesa kantata bis-sehem ta' dawk il-koppji li qed jiċċelebraw l-1 sena, jew l-10/20/25/30/40/50 Anniversarju taż-Żwieġ tagħhom, biex iġeddu l-wegħdiet taż-żwieġ tagħhom. Mistiedna ukoll dawk li qed jagħmlu l-mixja għat-thejjija taż-żwieġ u l-ħajja tal-familja. Imexxi r-Rev. Kan. Michael Zammit, Kanonku Onorarju tal-Kolleġġjata ta' San Pawl tar-Rabat, u Kappillan tal-Parroċċa ta' Sant' Andrija, Ħal Luqa. Wara l-quddiesa kollox bħall-jiem ta' qabel: il-Kurunella, l-Antifona u l-Barka Sagramentali. Iċ-ċelebrazzjoni tagħlaq bl-Innu ta' San Pawl.

5. **Il-Ġimgħa 23/08 - IT-TIELET JUM TAT-TRIDU**
**- JUM L-GĦAQDIET U L-IMPENN NISRANI**

Fit-8:30am Tqarbin tal-Morda.
Fil-5:00pm Qrar: Preżenti wkoll Konfessur barrani.
Fis-6:30pm Quddiesa kantata bis-sehem tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali, flimkien mal-għaqdiet reliġjużi u dawk li jgħinnu fil-ħidma missjunarja jew għamlu esperjenza missjunarja. Imexxi r-Rev. Kan. Michael Zammit, Kanonku Onorarju tal-Kolleġġjata ta' San Pawl tar-Rabat, u Kappillan tal-Parroċċa ta' Sant' Andrija, Ħal Luqa. Wara l-quddiesa kollox bħall-jum ta' qabel: il-Kurunella, l-Antifona u l-Barka Sagramentali. Iċ-ċelebrazzjoni tagħlaq bl-Innu ta' San Pawl.

6. **Is-Sibt 24/08 - LEJLIET IL-FESTA**

Fit-8:00am Quddiesa mill-Kappillan Kan. David Farrugia
li fiha jitkanta l-Innu ta' Ringrazzjament, it-Te Deum.
Fil-5:00pm Qrar.
Fis-6:00pm Purċissjoni li titlaq mill-Knisja Parrokkjali lejn il-Knisja ta' Santa Marija.
Fis-6:15pm Inċensazzjoni tar-Relikwa u Translazzjoni mill-Knisja ta' Santa Marija għall-Knisja Parrokkjali. Isir il-kant tal-Innu u tal-Antifona ta' San Pawl. Wara jsir il-kant tal-Għasar Solenni u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Imexxi r-Rev. Kan. Andrew Schembri, Kanonku Onorarju tal-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta, u Viċi tal-parroċċa ta' Marija Assunta, Ħ'Attard.
Fis-7:30pm Quddiesa ppreseduta mir-Rev. Kan. Andrew Schembri stess.

7. **Il-Ħadd 25/08 - JUM IL-FESTA**

Fis-6:45am Quddiesa.
Fid-9:00am Quddiesa Solenni kkonċelebrata ta' Jum il-Festa mmexxija mill-E.T. Mons. Pawl Cremona O.P., Arċisqof Emeritu, li jinseġ ukoll il-Paniġierku.
Fis-6:00pm Quddiesa ċċelebrata mill-Kappillan Kan. David Farrugia,
qabel il-purċissjoni.
Fis-7:15pm Tibda l-Purċissjoni bl-istatwa titulari tal-Appostlu Missierna San Pawl.
Imexxi r-Rev. Kan. Andrew Schembri, Kanonku Onorarju tal-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta, u Viċi tal-parroċċa ta' Marija Assunta, Ħ'Attard.
Fl-10:30pm Ninġabru fuq iz-zuntier, tinħaraq il-kaxxa infernali,
u nilqgħu l-istatwa ta' San Pawl lura fil-knisja.
Fid-dħul tagħha, titkanta l-Antifona u tingħata l-Barka Sagramentali.
Iċ-Ċelebrazzjonijiet jintemmu bl-Innu ta' San Pawl u bil-bews tar-Relikwa.